**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Louie Joe Azzopardi**

Kaz Numru: 611/2016

Illum 10 ta' Jannar 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Louie Joe Azzopardi** iben Joseph u Rita nee' Camenzuli mwieled Rabat, Ghawdex, nhar il-11 ta' Settembru 1995, u residenti 48, Triq Xuxa, Kercem u detentur tal-karta' tal-Identita' bin-numru 33595(G),

akkużat talli fit-23 ta' Lulju 2016 għall-habta tad-9.15 ta′ filgħodu u fil-ħinijiet ta′ qabel fl-akwati ta' bejn Xewkija u Sannat;

1. Żamm għasafar mhux imsemmija fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaggi u cioe′ tliet Psiepes tal-Baħar, (*Tringa glareola)* (inkluża fi Skeda I) u Beggazzina tar-Rokka (*Actitis hypoleucos*), mhux importati legalment skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 6(1)(a), bi ksur tar-Regolament 4(1)(e)(ii) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja (L.S.) 549.42.

2. Żamm għasafar mhux imsemmija fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaggi u cioe′ tliet Psiepes tal-Baħar, (*Tringa glareola*) (inkluża fi Skeda I) u Beggazzina tar-Rokka (*Actitis hypoleucos*), meta dawk l-għasafar ma kinux imrobbija fil-magħluq u cioe′ mfaqqsa u mrobbija minn ġenituri miksuba skont il-liġi f′ambjent ikkontrollat mill-bniedem, u fil-każ ta′ għasafar tat-territorju Ewropew b′ċurkett magħluq, bi ksur tar-Regolament 4(1)(e)(iv) tal-L.S. 549.42;

3. Ħa jew ipprova jieħu għasafar protetti taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaggi (L.S. 549.42) u cioe′ Pespus tal-Bahar, (*Tringa glareola*) (inkluż fi Skeda I) u Beggazzina tar-Rokka (*Actitis hypoleucos*), mhux skont dawn ir-

Regolamenti u mhux skont il-kundizzjonijiet ta' kull liċenza mogħtija taħthom bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;

4. Ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża lixki ta' għasafar protetti, u cioe' Pespus tal-Baħar, (*Tringa glareola*) (inkluż fi Skeda I) u Beggazzina tar-Rokka (*Actitis hypoleucos*), bi ksur tar-Regolament 7(1)(i) tal-L.S.549.42.

5. Ħa jew ipprova jieħu xi għasfur meta ma kellux fuqu l-liċenza adatta għal dik l-attività maħruġa lilu taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S.549.42) bi ksur tar-Regolamenti 12(1); 13 u 16 tal- L.S. 549.42;

6. Ħa jew ipprova jieħu xi għasfur waqt l-istaġun magħluq għat-teħid tal-għasafar bi ksur tar-Regolament 18 (1) (ċ) tal- L.S. 549.42;

7. Waqt l-istaġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja xi għasfur, jew ġarr munizzjon għat-teħid tal-kaċċa jew arma tan-nar barra l-għata tagħha u dan bi ksur tar-Regolamenti 15 u 18(1)(a) tal-L.S. 549.42;

8. U aktar talli nhar it-23 ta' Lulju 2016 inqast milli żżomm arma tan-nar u munizzjon f'dak il-fond fejn kien imsemmi fil-liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti hija mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27 (2) ta' L.S. 549.42, tordna l-konfiska tal-***corpus delicti*** u r-revoka ta' kull liċenza jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha. Semghet il-provi.

Semghet lill-imputat Louie Joe Azzopardi jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet li l-Prosekuzzjoni, id-difiza, ir-rapprezentanti ta' WBRU Josef Camilleri u Ryan Bonnet fejn qablu dwar liema artikoli tal-ligi japplikaw f'dan il-kaz u dan minhabba l-iskedi li jindikaw fihom t-tajr inkwistjoni u il-parametri tal-piena.

Ir-rapprezentanti ta' WBRU ddikjaraw li l-imputat ghandu jitqies bhala *first time offender* u s-sospensjoni m'ghandhiex tkun permanenti imma ghal zmien sentejn.

Il-Qorti ssostni li l-kacca u l-insib illegali qed jaghmlu isem hazin lill-kaccaturi u n-nassaba stess li jimxu mar-regolamenti biex

jippratTikaw id-delizju taghhom. Il-Qorti terga' ssostni li l-abbuzi ma jsirux minn kulhadd imma minn ftit hafna.

Il-pieni ghal min jabbuza huma deterrent bizzejjed u din il-Qorti se tkompli tibghat messagg car li min jabbuza jrid ihallas.

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, fuq ammissjoni, wara li rat ir-Regolamenti 6(1)(a), 4(1)(a)(e)(ii)(iv), 7(1)(i), 12(1), 13, 15, 16, 18(1)(a)(c) tal-L.S. 549.42, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elfejn ewro (€2000.00).

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tas-senter Luigi Franchi (S.N. B 39881) a favur il-Gvern ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tal-kacca u l-insib tal-imputat Louie Joe Azzopardi ghal zmien sentejn mil-lum.

___________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**